Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2239

Kaz Numru 2715/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Paul Mizzi iD No 148567 (M)

u

Windmill Company Limited Dwar
tkeccija mill-impjieg allegta li hi ingusta

Illum 23 ta' Settembru 2013

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors datat 29 ta' Settembru 2009 mibghuta lit-Tribunal Industrijali mill-istess Paul Mizzi li bghat dan ir-rikors ghan-nom tieghu fejn gie mitlub li jinghata n-notice money u kumpens iehor talli gie imkecci ingustament.

Paul Mizzi maghruf bhala l-appellant kien assistit mill-Avukat Dr. Marie Louise Coleiro Preca u ghas-socjeta Windmill Co Ltd deher Dr. Frederick Ellul

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien jahdem mas-socjeta intimata bhala welder u matul iz-zmien tal-imojeg qatt ma inghata warning. Darba fost ohrajn dahal ghax-xoghol u gie infumat li kien imkecci.

is-socjeta intimata fl-istqarrija taghha qalet li t-talba ma tirrizultax peress li meta Paul Mizzi gie mghajjat ghall-overtime is-Sibt u dan ma giex ghax-xoghol.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed Emvin Cassar bhala rapprezentant tas-socjeta intimata fejn qal li Paul Mizzi fil-bidu kien haddiem tatjjeb pero kien hemm mument li kien hemm hafna xoghol u kellu jahdem overtime Paul Mizzi ma dahalx ghax-xoghol is-SIbt u b'hekk waqghu lura fil-produzzjoni.

Xehed Rudolph Cassar li huwa direttur fil-kumpanija Intimata fejn spjega li d-deadlines huma hafna importanti ghall-kumpanija kemm minhabba l-penalitajiet kif ukoll minhabba r-reputazzjoni li ghandhom. F'April 2009 spejga li dahal hafna xoghol u kien hemm bzonn li ix-xoghol isir f'daqqa. Kien ta' option li jew jdahhlu haddiema godda jew jiahdmu overtime u l-impjegati ghazlu jaghmlu overtime . Ghalkemm Paul Mizzi kien jahdem tajjeb fil-bidu maz-zmien beda jonqos anki l-kwalita tieghu kienet niezla. Hu kien jibgeb l-attenzjoni tieghu verbalment kemm il-darba. Ix-xhud ta' diversi ezempji ta' xoghol hazin u inferjuri. Kien l-uniku sprayer u l-kumpanija kellu bzonnu. Wasal il-jum ta' 12 ta' Gunju 2009 u kien is-Sibt u Paul Mizzi ma dahalx ghax-xoghol u wara li cempillu l-istess Paul Mizzi qallu li mhux diehel ghax-xoghol . Dak il-hin ix-xhud qallu li jekk mhux ser jidhol ghax-xoghol huwa mhux ser jidhol aktar u Paul Mizzi ma dahalx ghax-xoghol. Minkejja li gie ix-xoghol it-Tnejni x-xhud qallu li itterminalu x-xoghol u b'hekk spicca mkexxi fuq raguni ta' dixxiplina.

Viva Voce xehed Rudolph Cassar fejn spejga li il-performace ta' Paul Mizzi bdiet sejr hazin. Kien spjegalu ukoll l-importanza tal-overtime.Ghar-rigward l-incident tat-tkeccija Paul Mizzi kellu struzzjonijit specifici sabiex ilesti gate ghax kellha titwahhal it-Tnejn u ghax ma dahalx is-SIbt sabiex ilesti l-spray ma kienetx ser titwahhal. Paul Mizzi xorta ma dahalx is-SIbt u t-Tnejn il-gate ma kinetx lesta. U b'hekk giei mkecci. In kontro ezami ix-xhud spjega li x-xoghol hazin kien duq mhedda ta' zmien u li written warning qatt ma tah imma verbal warnings sabiex jirranga x-xoghol.

Xehed Paul Mizzi fejn qal li xoghlu mal-kumpanija intimata kien ta' welder labourer u kien jagmel xoghol ta' spray ukoll. Dam hemm xi sentejn. Qatt ma rcieva warnings la bil-miktub u l-anqas bil-fomm.. Qal li ma giex infurmat li kellu jidhol xoghol is-Sibt u meta ma lura t-Tnejn keccieh. Il-principal kien qiesu imqabbad mieghu Ghal bidu ma stajx noqghod overtime ghax kelli xoghol pat-time u sakemm irrangajt bdejt nahdem overtime. Ix-xhud cahad li ikellu jlesti xi gete u li kellha titwahal it-Tnejn

Xehed Mario Muscat li kien imjegat mal-kumpanija intimata fl-istess hin li r-rikorrenti kien jahdem hemm. Anki ix-xud kien imkecci. jghid li wara li kien ilesti mix-xoghol ta' spray kien imur hdejh jghinu fix-xoghol ta' hadid. Kien jobdi l-istruzzjonijiet li kien itih u x-xoghol kien jaghmlu sew.. Qatt ma sema li qala warning Bhala overtime ix-xhud spjaga li kien jaghmel overtime meta kien ikun avzat mill-kumpanija. Ix-xhud speja li kein hemm ftit tahwid fuq l-overtime ghax mhux dejjem kienu infurmati.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li hemm zewg verzjonijiet ta' dan il-kaz. Il-verzjoni ta' Paul Mizzi fejn qal li ma kienx infurmat sabiex jidhol is-Sibt u l-verzjoni tad-diretur fejn qal li sahansitra cempillu sabiex jidhol is-Sbit stess u r-rikorrenti irrifjuta li jidhol ghax-xoghol.

It-Tribunal qiegħed jaghti importanza hafna ghal dan l-incident. Minkejja li sema x-xieda fuq l-andament ta' Paul Mizzi li ukoll hemm konflitt ta' provi jidher illi t-tkeccija saret principalment minhabba l-fatt li Paul Mizzi ma dahalx ghax-xoghol is-Slbt meta kellu overtime. Il-Tribumal qieghed jemmen aktar il-verzjoni tad-diretturi tal-kumpanija anki qieghed jammen li vera cemplulu u li ma dahalx ghax-xoghol minkejja li gie mitlub jidhol overtime. It-Tribunal ihoss lil din waheda timmerita it-tkeccija.

## Decizzjoni

It-Tribunal Industrijali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet koncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz u ra n-noti ta' sottomissjonijiet jichad it-talbiet tar-rikorrenti billi jiddikjara illi l-kumpanija intimata kellha ragun tkecci lill-impjegat Paul Mizzi ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija .

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi billi jichad dan l-appell bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euros u sbatax il-centezmu (euros 93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(iffirmat)
Dr. Martin Fenech
Chairman

VERA KOPJA

Spiteri
Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju